IL-BELT VICTORIA

VR

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA` SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1994

Nru. 79

*Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# GĦALFEJN QED NAGĦMLU FESTA ?

Reġa magħna x-xahar ta' Lulju! Xahar li fih, ilkoll flimkien niċċelebraw il-festa kbira tal-Patrun t'Għawdex San Ġorġ. Għalina, Lulju u San Ġorġ saru sinonimi.

Qegħdin ninnotaw li ta' kull sena, hekk kif jibdew il-festi titulari tal-parroċċi tagħna, tfeġġ mewġa ta' attakki organizzati kontra dawn il-festi. Issib min jgħidlek li l-festi għadda żmienhom; oħrajn jgħidulek li l-festi qed jintużaw biex il-poplu jiġi aljenat mill-problemi wisq serji li jkunu qed jifilġuh; oħrajn tarahom ikabbru u jpinġu lil dawn il-festi b'kuluri tassew koroħ, li meta tismagħhom jitkellmu tasal għall-konklużjoni li : "Aħjar inwaqqfu dawn il-festi darba għal dejjem!"



Żgur li min ikun qed irewwaħ dawn l-ideat, ikollu skopijiet oħra f'moħħu. Żgur li fil-qiegħ ta' qalbu jħoss li dawn il-festi għandhom huma ukoll l-aspetti posittivi. Huwa jkun ċert li minnhom joħroġ ħafna ġid kemm spiritwali kif ukoll materjali. Iżda minħabba ċertu preġudizzji li jkollu, tarah jaħbi jew inessi dawn l-aspetti posittivi u jisħaqq b'saħħtu kollha fuq xi żbalji li jitwettqu matul l-istess festi.

Illum nixtieq nagħmel din il-mistoqsija: Għaliex il-Festa? Xi skop hemm li ta' kull sena isir daqstant xogħol u taħbit, daqstant ġiri u uġigħ ta' ras? Għalfejn isiru dawk l-attivitajiet kollha kemm fil-Bażilika kif ukoll barra fit-toroq u l-pjazez ta' Beltna?

Huma ħafna t-tweġibiet li joħorġu minn din il-mistoqsija. Se nsemmi tlieta biss minnhom.

### ■ Bħala Qawmien Spiritwali

Ilkoll kemm aħna tad-demm u l-laħam. Matul il-medda tas-sena, ir-rutina tal-ħajja ħafna drabi traqqadna u anke titfagħna f'telqa tassew kerha. Il-festa tagħtina dak iċ-ċans biex nistejqru ftit u nqumu minn ngħas tagħna. It-Tieni Sinodu Djoċesan ta' Għawdex fid-Dokument Pastorali dwar "Is-Sens

ikompli f'paġna 7

**STOP PRESS ••• STOP PRESS ••• STOP PRESS ••• STOP PRESS ••• STOP PRESS ••• STOP PRESS •••**

**Mro Joseph Vella B. Mus. (Dunelm) FLCM,** Surmast Direttur tal-Banda Cittadina La Stella ta` Għawdex, kif ukoll Maestro di Cappella tal-Bażilika ta` San Ġorġ, tal-Belt Victoria, għoġbu jagħti b'titlu ta` donazzjoni lill-Bażilika ta` San Ġorġ, Għawdex, il-mużika kollha li hu kkompona u li tindaqq matul il-Festa ta` San Ġorġ Martri, li tiġi ċċelebrata fl-istess Bażilika fit-tielet Ħadd ta` Lulju ta` kull sena.

Il-mużika li Mro Joseph Vella għadda f'idejn il-Bażilika ta` San Ġorġ tikkonsisti fil-Mass in D, (Kyrie, Gloria, Sanctus, Agnus Dei) l-Introito, Gradual, Offertorio, l-Innu Georgius Natus Est, kif ukoll is-Salm Laudate Pueri Dominum. Hemm ukoll it-Tlett Salmi tat-Tieni Għasar ta` San Ġorġ.

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita', Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

21.05.94: **STEPHANIE**, bint Emanuel Galea u Marcelline nee' Zammit
11.01.94: **MAURENE,** bint Austin Farrugia u Doreen nee' Pace
18.06.94: **JASON,** iben Joseph Pace u Doris nee' Cremona
19.06.94: **JEREMY**, iben Michael Galea u Frances nee' Galea

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

12.06.94: SIMON GRECH u THERESE SACCO
18.06.94: GEORGE ATTARD u JOSIANNE SACCO
25.06.94: EWKARISTIKU ATTARD u MARYANNE GALEA

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

30.05.94: GEORGIA MERCIECA
01.06.94: KATERINA GRIMA
17.06.94: SALVU VELLA

### *Donazzjonijiet għar-Rivista*

| | |
|---|---|
| Anton Grech (USA) | 20 US$ |
| Tony Grech (USA) | 20 US$ |

Lafayette
Photo Studio
St. George's Square, Victoria, Gozo.
*for professional work...*

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA**
*Ħdud u Festi:* Fil-5.30pm u fis-7.00pm
*Matul il-Ġimgħa:* Fil-5.00pm

# Editorjal...

## VIVA ĠORĠI !

Viva Ġorġi! Viva Ġorġi! hija l-għajta li fil-jiem tal-festa li ser niċċelebraw f'ġieħ il-Patrun ta' Beltna u ta' Gżiritna tinstema' tidwi mat-toroq u l-pjazez ta' beltna mzejnin għall-okkażżjoni.

Viva Ġorġi! hija l-għajta li toħroġ ħerqana minn fomm it-tfal li f'San Ġorġ għandhom jaraw eżempju dejjiemi ta' ubbidjenza lejn il-Ġenituri. Viva Ġorġi! hija l-għajta li toħroġ minn fomm iż-żgħażagħ li f'San Ġorġ għandhom jaraw xempju ta' ħajja eżemplari minkejja l-entużjażmu taż-żgħożija. Viva Ġorġi! hija l-għajta li toħroġ minn fomm kulħadd li f'San Ġorġ għandhom jaraw kif tgħix il-ħajja marbut ma' Kristu mingħajr ma ċċedi għall-ebda tentazzjoni.

Għalhekk mhux biss il-ferħ u l-briju li jagħmlu l-festa. Għalhekk mhux il-murtali u l-marċijiet li jagħmlu l-festa. Għalhekk mhux it-tiżjin u d-daqq tal-qniepen ferrieħa li jagħmlu l-festa. Il-festa rridu niċċelebrawha aħna fil-fond ta' qalbna biex, jekk m'aħniex nimitaw lil Kristu f'ħajjitna fuq l-eżempju ta' San Ġorġ, il-kbir Megalomartri, iż-'Żgħażugħ ta' dejjem' kif isejjaħlu l-poeta Ġorġ Pisani, nibdew issa u nkunu lesti li ninbidlu u ma nħallux il-ħajja mgħaġġla ta dan iż-żmien taljenana.

Kellhom raġun l-isqfijiet ta' Malta u Għawdex jgħidulna ċar u tond ftit ilu kif għandna niċċelebraw il-festi titulari tagħna. Ikun żball jekk il-parruċċani tal-komunita' parrokkjali tagħna jinsew it-twissijiet tal-mexxejja spiritwali tagħna u jieħdu sehem fil-festa b'mod, biex ngħidu hekk pagan. Kulħadd għandu jifhem is-sens nisrani li għandu jkollhom il-festi tagħna.

Għalhekk filwaqt li nifirħu u nferrħu lil dawk l-eluf ta' Maltin u barranin li jiġu għall-festa tagħna, ma ninsewx li qed nagħtu ġieħ lil San Ġorġ li fuq il-passi tiegħu għandna nimxu jekk varament irridu nirbħu bħalu t-tentazzjonijiet tal-ħajja fuq din l-art biex fl-aħħar immorru ngawdu lill-Missier tagħna fis-sema.

Il-Bord Editorjali ta' din ir-rivista filwaqt li jixtieq il-festa t-tajba lill-Ġorġjani kollha isellem ukoll lill-emigranti tagħna u nassigurawhom u matul il-jiem tal-festa aħna niftakru fihom għax anke huma, għalkemm mill-bogħod ikunu jifirħu magħna. **VIVA ĠORĠI !**

## ❑ KNEJJES MEQJUMA LIL SAN ĠORĠ (2)

# IL-KNISJA PARROKKJALI U BAZILIKA TA' SAN GORG "AL PALAZZO" F'MILAN



*Kwadru ta' San Ġorġ meqjum fil-Bażilika ta' San Giorgio al Palazzo ġewwa l-belt ta' Milan.*

Kan. Dun Nikol Vella Apap

**• IL-QEDEM TA' DIN IL-KNISJA.**

Il-Bażilika ta' San Ġorġ, magħrufa bħala "San Giorgio Al Palazzo" ġewwa Milan hija riżultat ta' ġrajjiet storiċi u fatti artistiċi.

Skond leġġenda, fejn illum tinsab il-Bażilika, kien hemm tempju meqjum lill-Merkurju u Apollo; fl-istess imkien Sant'Anatalo (it-Tieni Seklu W.K.) l-Ewwel Isqof ta' Milan bena l-ewwel Knisja nisranija u ddedikaha lis-SS.mu Salvatur. (1)

Hawn ta' min jistaqsi: Min kienu l-allat Merkurju u Apollo? L-isem ta' Merkurju għandu x'jaqsam mal-għerq "Merx" (merkanzija) u "Mercari" (ikollok x'taqsam mal-kummerċ). Ir-Rumani bikrija li fuq kollox kienu nies tal-kampanja ma kellhomx bżonn ta' alla tal-kummerċ. Merkurju għar-Rumani deher madwar il-V Seklu Q.K. u kien alla tan-negozju. Merkurju kellu tempju fuq l-Aventino. Fost l-annimali, is-serduq kien imqaddes għalih. (2)

Apollo "wieħed mit-tnax l-Olimpiadi", alla Grieg, xbiha tad-dawl (fejn ta' spiss jagħtuh it-titlu ta' "Phoebus" (jiddi); żagħżugħ fuq kollox sabiħ u ta' raġuni. Apollo huwa ukoll assoċjat mal-mużika, is-sengħa li tispira l-ark, il-mediċina, u l-ħarsien tal-merħliet u bil-profezija. Il-gżira ta' Delos kienet ikkonsagrata lilu minn żmenijiet qodma u kien hemm li Zeto welldu u oħtu Artemis. (3)

*** L-EWWEL BAŻILIKA LIL SAN ĠORĠ**

Skond it-tradizzjoni, kien l-Arċisqof San Natalo li spiċċa l-Bini ta' l-Ewwel Bażilika lil San Ġorġ fis-sena 747. Madwar il-Bażilika Ġorġjana fejn illum hemm "Via Torino" kien hemm il-Palazz Imperjali, mibni minn Maximianus Herculeus (286-305); din hija r-raġuni li żiedu ma' l-isem ta' din il-Bażilika n-nota speċifika ta' "Ħdejn il-Palazz" (Al Palazzo). Il-bini Imperjali, illum ma jidhirx; probabli biċċa mill-pedamenti huma taħt il-parti ċentrali ta' din il-Bażilika. (4)

F'mostra li ġġib l-isem "Milano Sconosciuta" (Milan mhux magħruf) insibu din in-nota: "L-isem (San Giorgio al Palazzo) ġej minn bidu qrib "Al Palazzo Imperiale" taż-żmenijiet Rumani, imma oħrajn jgħidu li minflok juri lokal kbir tal-Viskonti, li llum għab. Imma kważi hija ċerta l-ewwel ipotesi, dan jidher fil-kantina tad-dar li ġġib n-Numru 51, ġo Via Torino. Hemmhekk instabu pavimenti Rumani tal-mużajk". (5)

Ħafna fdalijiet ta' skultura u bċejjeċ

*ikompli f'paġna 6*

## *Nifirħulu !*



Hu pjaċir tagħna li minn dawn il-paġni nifirħu lill-**Wisq Rev. Mons. Emanuel Mercieca, Arċipriet Emeritus,** li dan l-aħħar ġie onorat bit-titlu ta' **Kappillan Kavallier "de merito con placa" ta' l-Ordni Sovran Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ.**

Dan it-Titlu rċevih mill-Altezza Reali Don Carlos de Borbon, Duka ta' Calabria, fuq presentazzjoni li saret lilu minn Mons. Dante Balboni, li bosta minna jiftakruh bħala dak li wassal fostna r-relikwija ta' San Ġorġ mill-Bażilika tal-Velabro. fl-okkażżjoni tal-Festi Ċentinarji ta' 10 snin ilu.

Lil Mons. Mercieca jixraqlu kull unur għas-servizz li hu ta lill-Knisja f'Għawdex u b'mod partikulari lill-Bażilika ta' San Ġorġ, li tagħha huwa kien mhux biss saċerdot żelanti u ragħaj spiritwali, imma wkoll Benefattur kbir.

## *Nifirħu wkoll*



**• WISQ REV. KAN. DUN ANTON CEFAI,** Kanoniku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħna li preżentement qed joqgħod l-Imdina, Malta, li dan l-aħħar għalaq 90 sena. Nitolbu lil Alla jagħtih s-saħħa u l-għajnuna tiegħu filwaqt li nixtiequlu AD MULTOS ANNOS.



**• GEORGE FRANS VELLA,** Prefett ta' l-Abbatini tal-Bażilika ta' San Ġorġ li dan l-aħħar irċieva l-aħbar li ġie magħżul sabiex imur il-Vatikan u jagħti s-servizz tiegħu hemmhekk f'Awissu u Settembru li ġej. Nixtiequ lilu u lil JACOB PORTELLI mill-Parroċċa tal-Fontana esperjenza sabieħa ġewwa Ruma.

# MITT SENA TA' ARMAR GĦALL-FESTI TA' BARRA

## 1894-1994

*Kitba ta' John Bezzina*



**● L-ANĠLI TA' CREMONA**

Fit-22 t'April 1894 (1) iżżanżnu tliet anġli sbieħ ħafna xogħol Vincenzo Cremona. Dawn kienu: "La Musica" (l-hekk imsejjaħ Anġlu tal-Banda), "Il Martirio" (l-Anġlu tax-Xabla) u "La Gloria" (l-Anġlu tal-Palma). It-Tliet Anġli għadhom jeżistu, għalkemm ġew restawrati diversi drabi. Għall-bidu, l-Anġlu tal-Banda kien jimtrama fuq il-palk, u t-tnejn l-oħra, fl-ewwel sena kienu tpoġġew flok Missier u Omm san Ġorġ quddiem il-Knisja. dawn it-tliet Anġli kienu intogħġbu ħafna u allura Vincenzo Cremona ġie kkommissjonat jagħmel ukoll l-istatwa ta' San Ġorġ ta' barra, li kienet lesta tard fl-istess sena kif ser nuru iktar 'il quddiem. (2).

**● L-EWWEL STATWI U IŻJED ANĠLI TA' CREMONA**

Fl-10 ta' Mejju 1895 (3) iżżanżnu tliet anġli oħra ta' Cremona u u ieħor tiegħu ukoll li kien magħruf bħala "La Stella". dawn l-erba' Anġli ma għadhomx jeżistu. Fl-istess sena ukoll, xogħol l-istess statwarju saru l-erba' statwa tat-Tokk: "Il-Fidi", "Karita'", "Qawwa" u "Speranza". Dawn fil-fatt kienu saru matul l-aħħar sitt xhur tal-1894. L-erba' statwi għadhom jeżistu, għalkemm ġew restawrati għadd ta' drabi. Għalkemm fil-frontispizju ta' l-Istorja ta' Castagna nsibu d-data 1890 (4), fil-fatt dawn saru fl-1894 għaliex wieħed irid iqis li l-istorja ta' Castagna kienet toħroġ f'faxxikoli u damet toħroġ is-snin.

**● MISSIER U OMM SAN ĠORĠ**

Missier u Omm San Ġorġ, li jtpoġġew taħt it-taraġ tal-Knisja, huma xogħol Wistin Camilleri, għalkemm sibna tagħrif li huma ta' Cremona (5). In-nota msemmija, il-kittieb nizżel li huma għal Għawdex meta kien rahom għand Cremona. X'aktarx li billi Cremona kien qed jagħmel lil San Ġorġ ta' barra għal Għawdex, naturalment, malli l-istatwarju qallu li għal San Ġorg, l-awtur qatagħha li kienu għal Għawdex. Fil-fatt Missier u Omm San Ġorġ kienu għal Ħal-Qormi, dawk li sa' llum jintramaw fuq iz-Zuntier.

**● ANĠLI TAS-SUQ**

L-Anġli tas-Suq saru matul l-ewwel ħmistax il-sena ta' dan is-seklu u kienu ħadmuhom Karmnu u Xandru Mallia minn Ħal-Qormi. Dawn l-Anġli għadhom jeżistu u ġew restawrati għadd ta' drabi.

Fil-Festa Ċentinarja ta' San Ġorġ fl-1903 dwar l-armar ta' barra naqraw dan li ġej: *"Il-Pjazza Irjali kien fiha wieħed x'jara, imżejna kif kienet bi statwi, bnadar trofej. It-triq tas-Suq il-qadim, kienet tgħaxxaq lil kulħadd. Iż-żewġ arkijiet li saru, wieħed fil-bidu ta' din it-triq u l-ieħor fi triq it-Tiġrija kien fihom x'wieħed jara.* (6)

**● L-ANĠLI TAL-PJAZZA TA' SAN ĠORĠ**

Is-sett ta' tmien anġli żgħar li jintramaw fil-pjazza ta' san Ġorġ u mal-bibien tal-ġnub tal-Knisja huma mill-ewwel xogħolijiet ta' Wistin camilleri.

**● L-ANĠLI TAT-TOKK**

Għall-festa ta' San Ġorġ tal-1914, bosta triqat tar-Rabat kienu mżejjna bi trofej, bnadar, liedna, specjalment tas-Suq u Strada Palma. Għal din ta' l-aħħar ħasbu l-Avukat u n-Nutar Refalo (7), li nefqu somma sabieħa. Saru xi statwi w anġli ġodda maħdumin bl-akbar sengħa mill-bravu Wistin Camilleri li rnexxew ħafna (8). *"Molte altre strade vennero decorate ancora, specialmente Strada Palma e Vairingia, queste due ultime a spese dell'avvocato Alfredo e Notaio Francesco fratelli Refalo".*(9) Hawn ta' min igħid li dawn l-aħwa kienu ukoll għamlu l-armi, bnadar u bandalori għal Strada Pieta' u għall-Mandraġġ. Il-bnadar kollha kienu jintrefgħu minn sena għall-oħra għand il-familja Refalo fi Pjazza San Franġisk, filwaqt li t-trofej ta' l-injam kien imqassam biċċa fil-Forn tal-Vajringa, biċċa fis-sqaq fi Triq San Ġorġ u biċċa l-Każin.

Dawn iż-żewġt aħwa baqgħu joħroġu l-flus għall-festi esterni tant li naqraw: ".....prosit lill-wisq rispettabbli Francesco Refalo li sa minn dejjem (u l-familja tiegħu) kienu l-aqwa benefatturi tal-festi esterni ta' San Ġorġ bil-flus kbar li ħareg għal bosta armar, trofej, statwi, bnadar sbieħ u l-flus li ta' kull sena joħroġ għall-illuminazzjoni u sparar." (10).

L-Anġli msemmija hawn fuq huma dawk it-12 li jintramaw sitta kull naħa fuq il-bankina tat-Tokk u t-tnax il-Duttur tal-Knisja, xogħol Wistin Camilleri li jintramaw fi Triq it-Tiġrija, illum Triq ir-Repubblika. Dawn l-anġli kient ġew irrestawrati fl-1955-56 mis-Sur Toni Saliba, filwaqt li d-Dutturi ġew restawrati mis-Sur Gius. Sagona fl-1964. (11) Għall-Festa ta' San Ġorġ tal-1916 naqraw li Piazza Rjali u bosta triqat oħra kienu mżejjna bl-akbar gost.

**● SAN ZAKKARIJA**

Xogħol Wistin Camilleri ukoll hija l-istatwa tal-Papa San Żakkarija, qed jerfa' Ras San Ġorġ fuq imħadda (1922) Din l-isatwa sal-1936 kienet titpoġġa fil-Pjazza tat-Tokk quddiem il-Banca Giuratale, filwaqt li mill-1961, għal xi snin kienet titpoġġa fi Pjazza San Ġorġ, faċċata tal-bieb il-kbir. Bejn l-1936-1960 ma kienitx tintrama, għajr xi darba fi Pjazza San Franġisk. Restawrata ftit tas-snin ilu qed terġa titpoġġa fuq il-pedestal għoli tagħha fit-Tokk.

**● IR-REĠINA ALESSANDRA**

Din hija xogħol ukoll ta' Wistin Camilleri, u għandha pedistall għoli. Din daqqa jpoġġuha fi Pjazza San Franġisk u ġie li ma kienitx tintrama.

**● ANĠLI TAT-TRIQ IL-LIBRERIJA**

Dawn kienu 24 wieħed u kien ġabar għalihom is-Sur Gużeppi Borg, li ħareġ il-flus għal tnejn, ieħor ħallsu Toni Cini, ieħor l-Arċipriet Mons. Alfons M. Hili u l-bqija in-nies li joqgħodu f'dik it-triq. L-anġli tal-kartapesta kienu saru minn Karmnu...... filwaqt li l-mensoli tagħhom kienu ħadmuhom Ġużeppi Borg ta' Frans

u l-aħwa Luigi u Toni Gauci. Fuq l-arma ta' anġlu minnhom kienet tpittret il-Knisja bin-navi meta l-Knisja kien għad ma kelliex navi, ħolma li seħħet iktar 'il quddiem.

**● ANĠLI TAT-TOROQ**

Wara dawn l-anġli kien sar għadd kbir ta' oħrajn, fil-maġġjoranza tagħhom xogħol ta' Wistin Camilleri. Xi wħud kienu jitpoġġew fuq it-Tomba, tul il-Vajringa, Pjazza San Franġisk, Strada Palma, u fil-parti l-wiesa' ta'Strada Karita', kif ukoll quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu. Kien hemm ukoll trofej bil-bnadar u bandalori għal dawn it-toroq: it-Telgħa tal-Belt, fejn Savina, il-Mandraġġ, Triq il-Providenza, Triq San Ġorġ, Triq il-Librerija, Triq San Ġwann, Triq Mons. farrugia, Triq Sant Indrija, Triq is-Suq, il-Vajringa. iżda dritt wara l-Gwerra bdew isiru pavaljuni taċ-ċarruta għal kullimkien u t-trofej u l-anġli ta' mad-dawra ma baqgħux jintramaw.

**7● SAN ĠORĠ TA' BARRA**

L-Istatwa ta' San Ġorġ ta' Barra, dik li titqiegħed fuq pedestall għoli fit-Tokk, hija l-ewwel statwa ta' barra f'Għawdex. Hija ħarġet mill-idejn tal-Istatwarju Vallettan Vincenzo Cremona (1851-1912). Cremona kien pittur u xenografu tat-Teatru Rjal mis-sena 1873 'il quddiem. Mibgħut mill-Gvern f'Napli huwa studja taħt id-direzzjoni tal-Professuri Corazzamaci u Marchino. (13)

San Ġorġ sar fl-1894. *"Rajna dal-ġranet fl-istudju tas-Sur Cremona f'Tas-Sliema, statwa sabieħa wisq ta' San Ġorġ qed joqtol id-dragun, magħmula għall-Parroċċa tar-Rabat, Għawdex. Is-Sur Cremona irnexxa wisq f'dawn li statwi li huma wisq imfittxija. Qed ilesti żewġ statwi oħra ta' Missier u Omm San Ġorġ għal Għawdex ukoll "*(sic) (14). Wara li qrajna x'qalet il-"Malta Tagħna" dwar din l-istatwa naraw x'qalu gazzetti oħrajn ta' dik il-ħabta.

*"On the invitation of Mr. V. Cremona we visited his studio at No. 12 Sta. Cattedrale, Sliema where was exhibited a statue of St. George and the dragon, intended for the Parish Church of St. George at Victoria, Gozo. The Saint is not represented on horseback, because that was not the wish of those who ordered the statue, and the attitude of St. George is far from being a warlike one. It would apprear that the notion that the artist intended to convey is that the fearsome dragon was slain more by supernatural power, than by any physical force that may have been put forth by the Saint. If this has been the idea of the artist, it has been tellingly expressed. The statue is very well finished and reflect no little credit on the artist. At the same studio we had occasion to observe in preparation two statues sone of St. Peter and the other of St. Paul, and also two other statues representing the father and mother of St. George, which are intended to decorate the square in front of the church, on the day when the St.'s anniversary is celebrated.* (15)

***"Si parla con molta lode del nuovo lavoro del nostro artista Sig. Vincenzo Cremona.........una statua rappresentante S. Giorgio destinato pel Gozo. Noi abbiamo piu' volte avuto l'occasione di parlar delle opere del Cremona e qualunque ulteriore encomio da parte nostra sarebbe superfluo, per cui ci limitiamo a congratularsi con lui che il suo nuovo lavoro ha tanto incontrato".*** (16)

*"We have had the pleasure of viewing at Mr. V.M. Cremona's plastic laboratory at Sliema a work respresenting St. George and the Dragon. It is of lifesize and very artistically executed and coloured in every detail. It is certainly another work which does great credit to Mr. Cremona, a well-known artist who deserves every encouragement"* (17)

***"St. George's Statue which he despatched to Gozo, a few days since, is faithful to the beautiful ideal of a young man, calm in conscious strenght, mail-clad as if for mortal combat, treading upon and transfixing with a bright sharp spear an awful-looking green dragon. His cloak elegantly draped, and coloured in harmonious tones bordered with gilding; his breast-plate and huskins of real metal and every detail, make a perfect warrior. Visitors have admired this statue very much as indeed ourselves could not fail to do........"*** (18)

Minn barra dawn il-kummenti li ġibna hawn, hemm oħrajn f'ġurnali oħra ta' dik il-habta li huma tista' tgħid l-istess kliem li semmejna hawn fuq. Ta' min isemmi l-gazzetta **"Il Vessillo Cattolico"**, il-**"Public Opinion"**, kif ukoll **"Id-Devot ta' Marija"**. (19)

Din l-istatwa ittieħdet Għawdex fit-18 ta' Novembru 1894 u dak in-nhar stess inġarret mill-Knisja tal-Ħniena (San Bartilmew) f'tarf ix-Xewkija, b'dimostrazzjoni li baqgħet miftakra. L-Istatwa żżanżnet fil-10 ta' Mejju 1895 (20). Dwar dan qrajna: *" Fit-12 ta' Mejju, ir-Raba' Ħadd fuq l-Għid, saret il-festa ta' Sa Ġorġ titular tal-Belt Victoria bi briju kbir. Fi Pjazza Reale fuq pedestall kbir u sabiħ qegħdu l-istatwa tiegħu ġdida, erba' statwi li jirrapreżentaw "Il-Fidi", il-"Qawwa", it-"Tama" u l-"Karita'" u erba' anġli xogħol tal-imfaħħar Cremona. Dawn barra mill-istatwi li saru s-sena l-oħra...."* (21). Dan ifisser li kien diġa jsir armar ta' barra qabel l-1895; ifisser ukoll li l-pedestall għoli, kien diġa lest, u hawn ta' min iżid li dan il-pedestall kien inħadem fil-bidu tat-Triq tal-Għajn f'dar ftit il-fuq mid-dar ta' l-Ispettur. Dik il-ħabta il-Każin ta' l-Istilla kien diġa ħareġ minn din id-dar u kien jinsab f'Nru 93, Triq il-Karita'.

Fiċ-Ċentinarju ta' San Ġorġ tal-1903, waqt dimostrazzjoni, il-partitarji ġarrew kwantita' ta' tazzi mixgħula u mdendla ma' lasti fil-għoli. (22). Fl-1915, minħabba l-Gwerra l-Kbira, id-dimostrazzjoni kienet saret is-Sibt lejlet il-festa flok il-Ġimgħa u la kien sar sparar u l-anqas ġiġġifogu.(23) Matul 1941-42-43 id-Dimostrazzjoni ta' San Ġorġ ta' Barra ma kienitx saret.

Fis-sena 1934 lil San Ġorġ kienu rrestawrawh Giuseppe Agius u indurah Salvu Fenech (24). Fl-istess sena, il-Pedestall l-għoli kien ġie irrestawrat mill-Malti Pawlu Galea u l-ispejjes kienu tħallsu min-negozjant M.Anġ Galea ta' l-Orjenti. (25). Fl-1938 kienet iżżanżnet it-tieni taljola, dik li niftakru qabel dik ta' llum, maħduma minn Baskal Attard.(26) Fl-1943 San Ġorġ ġie restawrat minn Wistin Camilleri. (27).

Hawn ta' min igħid li ferm qabel il-Gwerra l-istatwa ta' San Ġorġ ta' barra mit-Tnejn sal-Ġimgħa kienu jżejnuha fl-intrata ta' Ġużeppi Borg (ta' Frans) fi Triq il-Librerija. Iktar 'il quddiem kienu jżejjnuha fid-dar li llum hija ta' Carmelu Abela li tinsab ħdejn l-Oratorju ta' San Ġorġ. Wara din l-istatwa kienet ittieħdet għand taż-Żonn, fejn kienet tinżamm u d-drawwa li jżejnuha qabel il-jum tad-dimostrazzjoni baqgħet teżisti sa' ftit tas-snin ilu. L-aħħar darba li ġie restawrat kien mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fl-1989. (28)

---

Referenzi:


1. Bezzina, John, Siltiet mill-Ġrajjiet tal-Bażilika ta' S. Ġorġ, 1964, p.14 (minn issa 'il quddiem dan il-Ktieb huwa kkwotat hekk: Be. S. u l-Paġna)
2. Devot ta' Marija Mejju 1894, p.90 (minn issa 'il quddiem din ir-Rivista hija kkwotata biss: "D. ix-xahar tal-ħarġa u l-Paġna.) Faure Giovanni, Storja ta' Malta pp.1131,32
3. D. Ġunju 1895, p.105
4. Castagna Storja ta' Malta, 1890, p.215
5. Be. S. Paġ. 15, Ħabbar 1894
6. D. Mejju 1903, p.92
7. Berqa 16.VII-1964 p.7 (Minn issa 'il quddiem il-Berqa hija kkwotata sempliċement bl-Ittra B.)
8. Be. S. p.17 u D. Ġunju 1914, p.96
9. Messaggiere di Maria: Ġunju 1914, p.95.
10. Il-Poplu 16-V-1936 p.7
11. B. 16-VII- 1964 p.7
12. D.Ġunju 1916 p.94
13. Castagna 1890 p.213, Faure. pp. 1131,32.
14. Malta Tagħna 17-XI-1894 p.4
15. Malta Tagħna 16-XI-1894 p.7
16. Malta 20-XI-1894, Portafoglio 22-XI-18
17. Malta Standard 18-XI-1894 p.3
18. Malta Chronicle 20-XI-1894 p.5
19. D. Diċ. 1894, p.105
20. Be.S. p.15
21. D Ġunju 1895, p.105
22. Mess. di Maria Maggio 1903, pp.71.72.213,214
23. Malta Tagħna 1-V-1915
24. B. 24-4-1934
25. Poplu 24-4-1934
26. B.18-V-1938.
27. B. 21-V-1943.
28. Il-Belt Victoria 1989, p.5 (Ħarġa Lulju-Awwissu)


*(Dan it-tagħrif dwar l-armar fosthom l-istatwi ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel jitkompla fil-ħarġa li jmiss.)*

# LILL-EWWEL STATWA GĦALL-FESTI "TA' BARRA" F'GĦAWDEX

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

## *FL-EWWEL MITT SENA TAL-WASLA TIEGĦU*

### *A. 1894 - 1994. D.*

*Popli kollha ċapċpu idejkom, għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla!*
(Salm 47 (46) v.2)

Jgħaddu s-snin u ż-żmien jitgerbeb,
U l-ġrajjiet jindammu wkoll
Biex ħadd qatt lilhom inissi,
Ħalli l-poplu lsienu jħoll.

Mitt sena ilu, ġewwa r-Rabat
Twettqet ġrajja kollha ġieħ.
Waslet l-ewwel statwa ġdida
Ta' San Ġorġ Martri rebbieħ.

Kienet l-ewwel banda t'Għawdex
Dik "La Stella Vincitrice",
Ġabet statwa kollha dija
San Ġorġ veru "Beatrice".

Għawdex kollu ġewwa r-Rabat:
In-nies kollha ġriet bi ħġara
biex tammira ta' Cremona
Fost l-istatwi l-isbaħ vara.

B'marċi sbieħ "La Stella" l-Banda
San Ġorġ deh'r fost ferħ ċapċip,
U t-triqat qodma tar-rabat,
B'ward inksew qishom tapit.

Għax San Ġorġ kien l-ewwel statwa
Biex inġarr fil-marċijiet,
Qalb sparar u ġ-ġiġġifogu,
In-nies qtajja' ta' mijiet.

F'nofs it-"Tokk" San Ġorġ jitpoġġa
L-isbaħ mafkar fuq kulħadd
Fuq tarjola 'l fuq jitgħolla
dak il-ġmiel ta' bħalu qatt.

Dejjem għajta waħda tlissnet
Mill-Ġorġjani għalenija,
San Ġorġ kien minn dejjem tagħna
Aħna Bih dejjem kburija.

Għadna biex tassew nifirħu,
F'kollox l-ewwel Knisja u vari,
San Ġorġ kien u jibqa' għal dejjem
Kemm illum u kemm għal dari.

Kien San Ġorġ tagħna "Ta' Barra"
Il-Kampjun tal-festi esterni,
Għawdex kollu, mexa fuqhom
Qabel dawn ukoll interni.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*
*23 t'April 1994*
*Solennita' Liturġika tal-Festa ta' San Ġorġ*

## IL-KNISJA PARROKKJALI U BAZILIKA TA' SAN GORG "AL PALAZZO" F'MILAN

*ikompli minn paġna 3*

arkitettoniċi ta' valur huma ta' kostruzzjoni Rumani li spiċċat fl-1129, meta l-Bażilika ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' jannar, meta Lanterio kien Kappillan (bejn is-snin 1116-1142) hawnhekk. Kienet damet sat-tmiem tas-seklu XVI. (6)

Fil-bidu tas-seklu XVII, il-Kardinal Federico Borromeo kien jieħu ħsieb din il-Knisja u x-xogħolijiet bdew taħt l-arkitett Francesco Maria Richino (1584-1658). Minn dak iż-żmien il-parti ta' ġewwa tal-Knisja għandha l-aspett attwali. Fit-tieni nofs tas-seklu XVIII, Francesco Ferrario li laħaq ma' Francesco della Croce (1696-1780) żied il-faċċata barokka. Fil-bidu tas-seklu XIX, Cagnola (1762-1833) sebbaħha bin-neoklassiku, sempliċi u mimli dawl li sal-lum wieħed jista' jammiraha. Fit-tmiem tas-seklu XIX, l-Arkitett Alfonso Parrocchetti flok l-abside (arzella l-qadima, għamel oħra ġdida u żied presbiterju u sagristija ġdida. Kif intemm dan ix-xogħol, inbniet koppla misluta u bini ta' kampnar fuq il-ġenb tagħha. (7)

Fis-seklu XX, bil-għajnuna ta' flus tal-kappillan Fumagalli, inbniet koppletta fuq il-presbiterju u kull kappella fil-knisja u l-binja kollha ġiet restawrata, iddekorata u mżejjna. L-aħħar tibdil sar fis-snin riċenti skond id-direttivi tal-Konċilju Vatikan II. Il-presbiterju ġie rranġat u tneħħew il-balavostri, u inbena artal tal-ġebel b'siġġu u ambone. Dan it-tibdil sar biex jibqa;' jiġi mħares l-artal il-qadim tas-seklu XVIII. Fuq dan l-artal tpoġġa t-tabernaklu għall-Ewkaristija. (8).

### * IT-TEŻORI TA' L-ARTI F'DIN IL-BAŻILIKA

Fil-faċċata tal-bażilika nsibu bassoriliev li juri lill-Madonna bejn San Natale u Santa Latina li kien sar fl-1771 mill-artisti Francesco Mariani u Giuseppe Ferrandini.

Fil-Kappella ta' San Gilormu nsibu kwadru tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ. Xi artisti jaħsbu li hu xogħol ta' Morazzone.

Fil-Kappella tal-Corpus Domini, hemm tlett affreski ta' B. Luini, u erba' kwadri mill-Passjoni ta' Ġesu', li huma xogħol ta' Luini ukoll.

Fil-Kappella ta' Sant Anton, żewġ kwadri affreski li juru t-Twelid ta' Ġesu' u c-Cirkunċiżjoni li huma xogħol ta' Stefano Montalto.

Fil-kappella ta' San Karlu, l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju huwa ta' Daniele Crespi. Fl-istess kappella nsibu żewġ kwadri oħra ta' San Karlu. Wieħed juri l-waqfien tal-Pesta li huwa ta' Angelo Galli u l-ieħor ta' l-ewwel Tqarbina ta' San Karlu li huwa xogħol ta' Giuseppe Sogni.

Żewġ kwadri kbar li juru wieħed Kristu jqajjem lil Lazzru mill-mewt u l-ieħor Kristu jaħfer lill-Adultera. Dawn huma xogħol ta' Virginio Monti.

Fis-Sagrestija nsibu kwadru kbir tad-Deposizzjoni, xogħol Marco Basaiti. dejjem fis-sagrestija nsibu pjaneta bi drapp aħmar u fiha hemm irrakkmat bid-deheb San Ġorġ fuq iż-żiemel.

Fuq il-bieb tal-Kanonika (dar tal-Kappillan) hemm bassoriliev ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel li jġib id-data tas-sena 1308. (9)


*Referenzi:*

1. Colombo d. G. San Giorgio Al Palazzo. Guida Descrittiva. p.13
2. Nem. Larousse Encyclopedia of Mythology. p. 207
3. Betty Radice. "Who's Who in the Ancient World". p.61
4. Colombo d. G. San Giorgio al Palazzo. Guida Descrittiva. p.13
5. Luciano Zeppegno. Le Chiese di Milano. p.87. San Giorgio Al Palazzo.
6. Colombo d. G. S. Giorgio Al Palzzo. Guida Descrittiva p. 13
7. Ibid. Op. Cit. p.13
8. Ibid. Op. Cit. p.13
9. Ibid. Op. Cit. pp. 19, 24, 28, 29.,30, 31, 50, 51, 55, 56,57,62,64,88,89.
10. Ibid. Op. Cit. p.76.

# Ir-Rokna tat-Tfal

Għeżież Tfal,

Kif intom? Nittama li lkoll tinsabu tajbin. Issa l-eżamijiet għadew u se tiġu għall-mistrieħ tagħkom. Jalla jkollkom vaganzi sbieħ mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom. Biss, stennew daqsxejn; qabel ma titilqu għall-villeġġjatura biex tgħumu u titbaħbħu, għandkom xi ħaġa oħra sabiħa. Tafu x'inhi? Iva qtajtu! Il-festa tal-maħbub tagħna San Ġorġ!

Tgħiduli, aħna nafu, m'hemmx għalfejn tgħidilna. Imma jiena xorta waħda rrid infakkarkom. Għax, wara kollox, għandi xi affarijiet li xtaqt ngħidilkom.

Ngħidu aħna, l-ewwel ħaġa li se ngħidilkom hija din. Intom tafu li fil-ġimgħa tal-festa jkun hemm ġurnata - l-Ħamis - li tkun dedikata għalikom it-tfal. Qisu li dik il-ġurnata tħalluha libera u ma tagħmlux appuntamenti oħra. U dan biex tkunu tistgħu tiġu għal din il-funzjoni li tkun mmexxija minn Mons. Isqof cauchi u li fiha jitqassmu l-premjijiet għall-aħjar tfal li jattendu ċ-Ċentru tad-Duttrina u ċ-Ċentru tagħna kull nhar ta' Ħadd għall-Quddiesa.

It-Tieni ħaġa li xtaqt ngħidilkom hija dwar ix-xalar fil-festa. Iddevertu kemm tifilħu, iżda mingħajr ma wieħed jeżaġera. Biex tidevertu mhemx għalfejn iġġibu ruħkom ħażin, b'xi nsulti lil ħaddieħor jew kiem ħażin u baxx li ma jagħmlilkomx unur. U anke dwar ix-xorb. Qisu li ma tixorbu l-ebda xorb li jagħmlilkom il-ħsara u li ma jgħoddx għalikom.

Mela dwar il-festa, dak kollox. Kos, m'għandix għalfejn ngħidilkom biex nhar San Ġorġ - 17 ta' Lulju - taħsbu tqerru u titqarbnu!

Issa kelma ta' l-aħħar dwar is-Sajf. L-ewwelnett, araw dejjem fejn tgħumu, ma' min tgħumu, u kif iġġibu ruħkom waqt l-għawm. Qisu li ma toqgħodux tirraġġaw fil-baħar għax ma tafux l-inċident kif jiġi. Dwar l-ilbies mhemmx għalfejn ngħidilkom biex tkunu onesti.

Ħaġa oħra: l-istudju titilquhx għal kollox. Il-ħaġa meta titlaqha, titilqek. Strieħu, iva; imma ħallu ftit ħin kuljum biex taqraw xi ktieb sabiħ u tagħmlu ukoll ftit tar-reviżjoni. Tħejjija wkoll għas-sena li ġejja, tkun iktar minn ħaġa tajba.

Għal-lum daqshekk. Nawguralkom festa sabiħa u qaddisa flimkien ma' vaganzi mimlija mistrieħ u divertiment onest.

Tata'.

*Iz-Ziju Peppi.*

# Il-Kelma ta' l-Arcipriet

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

**Nisrani tal-Festi"** igħid li *l-Festi huma Mumenti ta' Qawmien Spiritwali, għaliex il-festi reliġjużi huma xhieda ta' fidi u ħajja nisranija u għalhekk il-festi għandhom iwasslu għal-laqgħa privileġġjata bejn Alla flimkien mal-Qaddisin u l-Poplu ta' Alla.*

Għalhekk il-Funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-Bażilika: il-jiem tat-Tridu, l-għosrien, it-talb, il-Konċelebrazzjoni, eċċ. Għalhekk issir il-Purċissjoni. Sehem attiv f'dawn l-attivitajiet kollha jgħinna nifhmu iktar il-kobor ta' l-Imħabba li biha ħabbna Alla, imħabba li wasslet lil San Ġorġ jimita lil Kristu fil-ħajja tiegħu, u saħansitra jagħti ħajtu għaliH.

## ■ Biex nuru l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ.

Ilkoll kemm aħna nemmnu li ħajjitna hija minsuġa ħaġa waħda ma' l-interċessjoni u l-għajnuna kontinwa li nirċievu mingħand San Ġorġ, Patrun tal-Gżira Għawdxija. Xieraq għalhekk, li ta' l-inqas darba fis-sena, nuru pubblikament, permezz tal-Festa, l-imħabba tagħna lejn dan il-Megalomartri li qatt ma nsiena.

Dan nagħmluh billi nifirħu u nferrħu lil kull min ikun preżenti. Ferħ ippreżentat b'imġieba tajba. Ferħ li permezz tiegħu, fl-ebda ħin u taħt l-ebda ċirkustanza ma għandu joffendi jew iweġġa' is-sentimenti ta' oħrajn.

## ■ Bħala wirja tat-Talenti li Alla jagħtina

Hawnhekk ta' min isemmi li kull ħaġa li nagħmlu matul il-jiem tal-festa, dejjem tiġi mtella' mill-membri tal-komunita' parrokkjali tagħna: sew jekk hija mużika, kant, marċi, tiżjin, eċċ. Filwaqt li b'dawn l-affarijiet kollha nkunu qed nagħtu s-sehem tagħna għas-suċċess tal-Festa, nkunu nħaddmu wkoll dawn id-doni u t-talenti li Alla jkun żejjinna bihom. Il-Festa tagħtina dan iċ-ċans li naqsmu ma' l-oħrajn dak li Alla jkun żejjinna bih.

Propju din is-sena qed infakkru b'ferħ għeluq l-ewwel mitt sena mill-miġja fostna ta' l-istatwa ta' San Ġorġ, l-ewwel statwa titulari għall-festi ta' barra f'Għawdex, xogħol Vincenzo Cremona, kif ukoll l-ewwel mitt sena mill-Innu l-Kbir ad unur ta' San Ġorġ, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia, li huwa ukoll l-ewwel Innu l-Kbir għall-Festi ta' Barra f'Għawdex.

Fi ftit kliem, il-Festi għad baqa' bżonnhom. Ejjew ilkoll nagħtu s-sehem tagħna biex il-Festa li ta' kull sena nagħmlu ad unur ta' San Ġorġ, tkun Festa li tilħaq dawn l-iskopijiet li semmejt hawn fuq.

*Nixtieqilkom ilkoll il-Festa t-Tajba!*

*L-Arcipriet*

## *Riżultat tal-Kompetizzjonijiet għat-Tfal*

*Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjonijiet li dehre fil-ħarġa tar-Rivista Nru.78 huma dawn:*

☞ **Komp. Nru.1.**

Mariella Mercieca, 'Prinjola', A.Mallia Str., Victoria.

☞ **Komp. Nru.2.**

Aaron Formosa, 'Sunflower', Triq C. Mintoff, Victoria.

*Ir-rebbieħa jistgħu jiġbru l-premju mill-Uffiċċju Parrokkjali.*
*N.B. Il-Kompetizzjonjiet għat-tfal jerġgħu jibdew fil-ħarġa ta' Settembru-Ottubru 1994.*

# IKLA TRADIZZJONALI TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ

Bħala parti mill-Programm imħejji għall-Festa tal-Patrun t'Għawdex San Ġorġ Megalomartri, ser tiġi organizzata Ikla Tradizzjonali fi Pjazza San Ġorġ, nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju mit-8.30pm 'il quddiem.

Biex ikomplu jsebbħu u jkabbru din l-Ikla, l-organizzaturi ħasbu sabiex jistiednu lil Grupp Folkloristiku ASTRA, li se jagħti diversi siltiet mill-ispettaklu tiegħu li jġib l-isem ta' l-"Għabex".

Ġie mistieden ukoll il-Kantant versatili Malti RENATO.

Mistiedna ta' l-Unur ser ikunu l-membri tal-Grupp Folkloristiku Russu mill-istat ta' Voronezh li jġib l-isem ta' "VESNA", li tfisser ir-"Rebbiegħa". Dan il-Grupp li fih 38 membru jippreżenta diversi żfiniet fuq mużika koreografika mill-isbaħ, li permezz tagħhom juruna tipi differenti ta' Folk Russu, kif ukoll ta' popli oħra ta' nazzjonijiet differenti. Dan il-Grupp "VESNA" kien iltaqa' mal-Grupp Folkloristiku "ASTRA" waqt l-"International Kaustinen Folk Festival" ġewwa l-Finlandja fl-1992.

# AKKADEMJA MUZIKO-LETTERARJA FI PJAZZA SAN ĠORĠ

Din is-sena, s-Soċjeta Filarmonika La Stella tal-Belt Victoria, qed tiċċelebra b'mod dinjituż u xieraq, egħluq il-mitt sena mill-istatwa artistika ta' San Ġorġ Megalomartri, xogħol ta' Vincenzo Cremona, kif ukoll egħluq il-mitt sena tal-Kompożizzjoni ta' l-Innu l-Kbir ad unur ta' San Ġorġ, xogħol Mons. Giuseppe Farrugia. Fi żmienhom, dawn kienu żewġ novitajiet assoluti f'Għawdex, u b'mod speċjali fil-kuntest tal-Festa Għawdxija: l-ewwel statwa titulari u l-ewwel Innu l-Kbir għall-festi Esterni li jsiru fil-Belt u fil-Gżira ta' Għawdex.

Biex tfakkar dan l-Anniversarju, is-Soċjeta' Filarmonika La Stella se ttella' Akkademja Mużiko-Letterarja nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju fit-8.00pm fi Pjazza San Ġorġ. F'din l-Akkademja, li fiha ser tieħu sehem il-Banda La Stella flimkien maż-żewġ korijiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ: il-"Chorus Urbanus" u l-"Laudate Pueri", se jiġu esegwiti l-Innijiet li matul il-mitt sena nkitbu ad unur ta' San Ġorġ: żewġ innijiet, xogħol ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1894/1901), dawk ta' Giuseppe Giardini Vella (1930) u tas-Surmast attwali Joseph Vella (1984). Kulħadd huwa mistieden.

# XOGĦOL FIL-BRONŻ GĦALL-BRADELLA TA' SAN ĠORĠ

Kif jista' jara kull min iżur il-Bażilika ta' San Ġorġ fil-jiem tal-Festa, ix-xogħol fuq l-iskultura tal-Bankun li fuqu titqiegħed l-istatwa titulari ta' San Ġorġ mexa 'il quddiem sewwa.

Tlestew erba' mit-tmien statwetti li ser jimlew in-niċeċ li hemm fuq iż-żewġt iġnub ta' kull panewwa. Tlestiet ukoll il-panewwa ta' quddiem, altoriljiev stupend li jippreżenta lil San Ġorġ fuq iż-żiemel, rebbieħ fuq id-dragun: ikongrafija tipika ta' dan il-qaddis meqjum universalment kemm fost l-Insara tal-Orjent kif ukoll fost dawk tal-Punent.

Ix-xogħol għall-Mudelli, kemm tal-Panewwa kif ukoll ta' l-istatwetti sar mill-magħruf Skultur Għawdxi, il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi - konċittadin tagħna li għandu l-istudio tiegħu l-Fgura, Malta.

Ix-xogħol tal-Bronż sar mill-Bronżier żagħżugħ u promettenti Mastru Joseph Chetcuti.

Hi tama tagħna lkoll li x-xogħol kollu konness mal-Bankun u l-Bradella ta' San Ġorġ ma jdumx ma jitlesta sabiex b'hekk tintlaħaq mhux biss ix-xewqa tal-W.Rev Mons. Anton Grech Vella li tant tħabat biex dan ix-xogħo isir, iżda ukoll tal-Benefattur prinċipali, il-mibki s-Su Salvu Galea (tal-Għaġina). ■



ASTRA TOURS 1994

Tour 1. : 1 - 8 t'Awissu – Barcelona- Lourdes - Andorra - Monserrat
Tour 2. : 2 - 9 t'Awissu – Ruma - Napli- Montecassino- Cascia- Assisi
Tour 3. : 6 - 13 t'Awissu – Pariġi - Eurodisney
Tour 4. : 29 t'Awissu - 5 ta' Settembru – Turkija - Istambul
Tour 5. : 9 -16 ta' Settembru – Vienna - Salzburg - Graz - Budapest
Bookings : Tel: 556526, 551792, 551889, 244752, 484424, 556453

A+M PRINTING LTD. - QALA